

Solennità ta' San Ġwann Bosco. Waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex

# Festa ta' San Ġwann Bosco

Nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar, fil-Belt Victoria, ġiet iffestiġġjata l-festa ad unur San Ġwann Bosco.

Filgħodu, fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-Kor Laudate Pueri taħt it-tmexxija tal-Kanonku Dun Ġorġ Frendo.

Aktar tard matul il-jum, saret parata ta' żwiemel u ponijiet minn Pjazza San Franġisk sa ħdejn l-Oratorju, fejn sar it-tberik tal-*pets* u annimali minn Dun Ġorġ Mercieca.

F'Nofsinhar saret l-ikla tradizzjonali fil-lukanda Calypso, Marsalforn.

Filgħaxija, fil-Kappella ta' l-Oratorju, l-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral, Mons. Ġużeppi Attard, iċċelebra quddiesa. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* taħt it-tmexxija ta' Mro. Colin Attard.



Waqt it-tlugħ tal-offerti. Jidher Carmel Grech, mir-Rabat, magħruf bħala l-bovril, Past Pupil tal-Oratorju Don Bosco

Wara il-Banda *Cittadina Leone* għamlet marċ minn ħdejn l-Iskola Primarja fi Triq Vajringa sa Pjazza Santu Wistin.

Il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġwann Bosco, xogħol artistiku ta' Wistin Camilleri, li fiha ħadu sehem tfal, żgħażagħ, *Past Pupils* tal-Oratorju flimkien mat-tfal tal-iskejjel sależjani ħarġet għal ħabta tal-5.30 ta' filgħaxija, akkumpanjata mill-Banda Cittadina Leone, b'daqq ta' innijiet lil San Ġwann Bosco. Mexxa l-purċissjoni Mons. Ġużeppi Attard, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral.

Mad-dħul lura tal-purċissjoni, ingħatat il-Barka Sagramentali u sar ukoll il-Bews tar-Relikwa.

Aktar tard fis-Sala tal-Oratorju ttella' id-Don Bosco *Grand Concert* mill-*Gozo Youth Wind Band and Orchestra* taħt it-tmexxija ta' Mro. Joseph Grech.



Jidhru wħud mill-membri tal-Kor Laudate Pueri waqt il-Pontifikal Solenni ta' Don Bosco, taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġorġ Frendo

**MINN GĦAWDEX** ma' **Charles Spiteri**





Waqt it-tberik tal-annimali. Il-Poeta magħruf Għawdxi Dun Ġorġ Mercieca jidher ibierek lil Dr Simone Grech bil-kelb tagħha tar-razza Pug, bl-isem ta' Ramses, t'erba' snin u nofs



Waqt it-tberik tal-ponies u ż-żwiemel. Ġorġina Farrugia mill-Fontana flimkien mat-tfajjel John Paul Saliba miż-Żebbuġ, u l-pony Forza Rozita



Wara l-Konċelebrazzjoni Pontifikali Mons. Isqof Grech iltaqa' ma' ħafna minn dawk preżenti, fosthom mix-xellug mal-Psikjatra Dr Anton Grech, Paul Galea (eks Sindku tal-Belt Victoria), Mario Galea, Fr Roberto Gauci, l-Aġent President ta' Malta, Anton Tabone, Fr Effie Masini, Direttur tal-Oratorju u Fr John Vella

# Tqassim ta' Premjijiet

Is-Soċjetà Filatelika t'Għawdex organizzat il-Laqgħa Ġenerali Annwali fiċ-ċentru tal-iskawts tar-Rabat. Mexxa l-President Anton Said li spjega l-iskop ta' dan l-appuntament u rringrazzja kemm lit-tmexxija tal-*Victoria Scout Group* u kemm lill-isponsors tal-*GPS Philatelic Exhibition* li ssir kull sena fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex, *Bank of Valletta*, *MaltaPost* u *Sliema Stamp Shop*. Taw ir-rapporti tagħhom ukoll it-Teżorier (u Viċi President) it-tabib Michael Refalo u s-Segretarju Antoine Vassallo.

L-iktar aspett interessanti kien it-tqassim tal-premjijiet lill-parteċipanti fil-Wirja, did-darba l-għaxar waħda. Il-*BOV Challenge Cup* għall-aħjar esibit skond il-ġurija messet lil Jesmond Cutajar, waqt li l-"*Malta Collection Album*" (mogħti mill-*Maltapost*) għall-aqwa esibitur ħadu Anthony Grech. Il-parteċipanti żgħar kollha rebħu "*thematic album*" (mogħtija ukoll mill-*MaltaPost*, fl-ewwel kollaborazzjoni mal-*Gozo Philatelic Society*), flimkien ma' oġġetti oħra.



Anthony Grech,(lemin) mix-Xewkija, jingħata l-'Malta Collection Album' mir-rappreżentant ta' Maltapost f'Għawdex, Emanuel Rapa



Dawk li ngħataw xi premju għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-Wirja Filatelika


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** Hard Cover



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***